# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 18 ta' April 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Nika Bazuashvili**

**Kumpilazzjoni Nru: 209/2018**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Nika Bazuashvili detentur tal-Passaport mill-Georgia bin-numru 17AA51672.

Akkuzati talli nhar it-02 ta' April 2018 ghall-habta tal-10:30hrs f'San Giljan seraq telefon cellulari tad-ditta I Phone minn gewwa vettura ta' tip Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni WIN 111, ghad-detriment ta' Winston Carbone, serq li huwa aggravat bil-valur u bix-xorti tal-haga misruqa.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda kaz ta' serq li sehh nhar it-2 ta' April 2018 f'San Giljan.

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta li d-derubat, Winston Carbone, ipparkja l-karozza tieghu f'San Giljan  u wara li allontana ruhu xi hadd ha il-mobile phone li Carbone kien halla fil-karozza. Carbone gie infurmat b'dak li kien gara minn persuna li kienet rat l-fatti jizvolgu.

Illi din il-persuna kienet certu Stewart Abela. Fid-depozizzjoni tieghu Abela rrakkonta li huwa kien qieghed f'gallerija (xi sulari 'l fuq) f' binja f' San Giljan fejn kien qed ghamel xoghol. Innota lil Carbone jipparkja u jallontana ruhu u wara ftit innota ragel idur mal-karozza, jiftaha u jiehu xi haga minn go fiha. Abela jghid li dan ir-ragel kien liebes jeans imqatta u zarbun car. L-ghada Abela rega kien qieghed hemm u mill-istess gallerija rega ra ragel tiela' u niezel f'l-istess triq u haseb li seta' kien l-istess persuna li ha l-mobile mill-vettura ta' Carbone minhabba li hu ukoll kien liebes jeans imqatta; dan ir-ragel kien l-imputat. Gew infurmati l-pulizija li marru fuq il-post u arrestawh. Meta kien qed jixhed quddiem din il-Qorti, Abela, li gie muri ritratti ta'l-imputat mehuda ftit wara li gie arrestat, esprima dubbju jekk l-imputat fil-fatt kienx l-istess persuna li kien ha l-mobile mill-vettura ta' Carbone ghaliex skond hu il-jeans li kien liebes l-imputat (kif kien jidher fir-ritratt) kien imqatta' ferma aktar minn dak tal-persuna li hadet il-mobile. Aktar minn hekk huwa ma setghax jikkonferma li l-imputat prezenti f'l-awla kien il-persuna li ra jisraq mill-vettura ta' Carbone.

Illi l-imputat irirlaxxja stqarrija u anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti. Huwa fil-fatt jinnega li kellu xi involviment f'l-akkadut. Ghandu jigi rilevat li l-mobile imsemmi ma nstabx fil-pussess ta'l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebietat b'serq aggravat. Pero fil-fehma tal-Qorti, tenut kont li l-unika prova tal-prosekuzzjoni kienet d-depozizzjoni ta' Stewart Abela li, quddiem il-Qorti u taht gurament, biddel il-verzjoni mghotija lill-pulizija b'mod li ma setax

jikkonferma li l-imputat kien il-persuna li ra jisraq mill-vettura ta' Carbone, ma jistax jinghad li l-imputazzjoni fil-konfront ta'l-imputat giet pruvata 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi ma  ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**